MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2004

Numru 252/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Silvio Valletta)**

**Vs**

John Spiteri

Il-Qorti,

Rat il-kompilazzjoni kontra John Spiteri ta’ karta ta’ identita’ numru 99583M, akkuzat talli:

a) Nhar is-6 ta’ Marzu, 2004 ghal habta tan-nofs siegha ta’ wara nofs in-nhar fi Triq Repubblika, il-Belt Valletta, ikkommetta serq ta’ wallet, minn go vettura Toyota Hi Ace, bin-numru ta’ registrazzjoni ABI373, liema serq hu kwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta’ Michael Frendo;

b) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rrenda ruhu recediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50, b'sentenza moghtija mill-Qrati tal-Magistrati (Malta), nhar it-12 ta' Dicembru 2001, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

c) F'dawn il-Gzejjer, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-provediment tal-Artikolu 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta (illum Art 7 tal-Kap 446) b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 8 ta' April 2002, liema sentenza hija deffenitiva u ma tistax tigi mibdula, fejn kien misjub hati u liberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa jippersisti anka wara li l-Qorti ikkonceditlu zmien sabiex jikkunsidra.

Ikkunsidrat:

L-akkuzi kontra l-imputat jittrattaw serq aggravat biex xorta tal-haga misruqa, r-recidiva u l-ksur tal-Artikolu 5 tal-Kap 152 (illum artikolu 7 tal-Kap 446).

Stante l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat il-Qorti ser tghaddi minnufih ghas-sentenza.

Rat l-artikolu 261(g), 271(g), 281, 49 u 50 tal-Kap 9 u l-Artikolu 7 u 22 tal-Kap 446 u wara li semghet l-ufficjal tal-probation qedgha tiddecidi li tillibera lill-imputat bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 billi tqeghedu taht ufficjal tal-probation ghal perjodu ta' tlett snin mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------